MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħ'Attard

# ID-DISA' LEĠIŻLATURA

## Laqgħa Numru 11

20 ta' Marzu 2025

Il-Kunsilli Lokali Ħ'Attard iltaqa' fis-Sala tal-Kunsill li jinsab fl-indirizz 13/15, Triq Sant'Anna, Ħ'Attard, fis-5.30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:
STEFAN CORDINA – Sindku
Alexander Louis Mangion – Viċi Sindku
Nicole Portelli - Kunsillier
Helen Caruana – Kunsillier
Remigio Bartolo – Kunsillier
John P. Bonnici – Kunsillier
Paul Ciantar – Kunsillier
Ralph Cassar– Kunsillier

ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):
Martin Musumeci– Kunsillier

ASSENTI

UFFIĊJAL PREŻENTI:
Marica Mifsud Mintoff - Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku, is-Sur Stefan Cordina ppresjieda l-laqgħa. Il-laqgħa bdiet fil-5.37pm. Kulħadd, minn dawk li kellhom ikunu preżenti fuq il-post fil-ħin bl-eċċezzjoni ta' Dr. Martin Musumeci li kien jinsab indispost.

## 11.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

11.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li kellha e-mail b'apoloġija ta' Dr. Martin Musumeci li kien jinsab indispost

## 11.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

11.2.1 Il-Minuti tal-laqgħa Nru. 10 ġew approvati.

## 11.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

11.3.1 *Uffiċċini Ġodda*

Is-Sur Cordina qal li bħalha komunikazzjoni min-naħa tiegħu kemm jgħidilhom li bażikament il-partition li kellha ssir ġiet installata b' kollox, ġew ordnati l-*fire doors* li se jaslu Malta dalwaqt u propjament inġabru mill-kuntrattur propju fil-ġurnata tal-lum. Kompla jgħid li ġew installati il-pompa, il-*water heater* u xi *fittings* u t-*travertine* tlesta wkoll. Qal li min jixtieq iżur il-post jista' jagħmel dan u jonqos biss l-Inġinjier jiċċertifika biex jinġab il-*Compliance Certificate.* Hemm kollox lest. Is-Sur Cassar saqsa jekk hux se jingħalaq l-Uffiċċju biex isir il-ġarr? Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ħa tipprova le, imma li jekk ikun hemm bżonn, u Dr. Cassar qabel, jekk ikun hemm bżonn jingħalaq.

## 11.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

11.4.1 Alex Mangion

- Saqsa meta ha jsir il-wiċċ ġdid ta' Triq Dun Leonardu Micallef. Is-Sur Cordina qal li s'issa mhux infurmat.

11.4.2 Dr. Helen Caruana

- Saqsiet fuq il-*bus stop* ta' Triq Santa Katerina. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li hemm il-ħsieb li jiġi ri-integrat wara li jsir ġdid l-*istage* li jinsab prijorita' fil-lista ta' *bus shelters* tal-Gvern Ċentrali.

11.4.3 Paul Ciantar

- Irraporta żewġ ħofriet fi Triq il-Moħriet.

11.4.4 Dr. Ralph Cassar

- Għadda rapport li fl-opinjoni tiegħu ir-*railing* tal-briġġ ta' Wied Irmiedi hu baxx ħafna u li l-istruttura minn taħt hi perikolanti għax innota li waħda mill-kolonni għandha ġebla maqlugħa. Is-Sur Cordina li dawn l-affarijiet jiġu rrappurtati mmejatament lill-istaff ha jieħdu azzjoni ma' IM.
- Staqsa wkoll fuq xi xogħol li tħalla nofs leħja, xi katusi u cables fi Triq is-Sienja. Is-Sur Cordina qal li kif qegħdin hemm jagħmlu *reinforcement* tat-taraġ.

11.4.5 Is-Sur John Bonnici

- Saqsa fuq il-*culvert* ta' Triq il-Linja minħabba li qed jisfronda. Is-Sur Cordina wieġeb li kien diġa' tkellem li qed jistennew risposta minn Infrastructure Malta minħabba r-rati tad-DPF. Dawn ir-rati ġew aċċettati bir-rati tat-2023 u dan ix-xogħol għandu jsir mill-aktar fis.

## 11.5 Rapporti

### 11.5.1 Approvazzjoni ta' Rapport tar-Raba Kwart tas-Sena 2024

Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li r-rapport tal-aħħar kwart tas-sena 2024 bażikament huwa fotokopja tal-estimi finanzjarji li ġew ippreżentati x-xahar li għadda. Qalet li kulma fihom differenza hu l-ammont tal-FSI. Tat spega fil-qasir fuq kif fl-2024 il-Kunsill irrekordjaja telf ta' €187,707, li kien hemm żieda fit-telf ta' €115,000 fuq dak tas-sena ta' qabel, l-2023 li kien jammonta għal €72,168. Dawn kienu dovuti għal żieda marġinali fuq ċertu spejjeż li saru rikorrenti max-xogħlijiet li saru matul is-sena. Kompliet tgħid li għalkemm kien hemm żieda ta' €39,000 mis-sena 2023 għas-sena 2024 bħalha deprezzament fuq iċ-Ċentru tal-Informazzjoni, l-ispejjeż xorta żdiedu b' tali mod u manjiera li għalkemm kien hemm żieda fid-dħul l-ispejjeż xorta telgħu għal €209,000. Hi kompliet tgħid li x'ħin ġie analiżżat dan kollu fl-aħħar laqgħa tal-Kunsill hi kienet tat spjega permezz ta' tabella dettaljata ta' kif kienu l-movimenti bejn l-2023 u l-2024. Id-differenza f'dan ir-rapport hi l-FSI li s-sena l-oħra fit-2023 kien -24% u minħabba l-Ġnien l-Istazzjon dis-sena tela' għal-96%. Hi qalet li dan ir-rapport qed jiġi ppreżentat għaliex ikun irid jiġi mibgħut lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali allavolja hemm l-estimi finanzjarji.

### 11.5.2 Approvazzjoni ta' Baġit Rivedut

Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li spunt fuq ir-rapport tal-aħħar kwart tas-sena kellu jiġi rivedut il-baġit u kellhom jittieħdu miżuri biex biex isiru xi emendi li bdiet issemmi. Hi qalet li qabdu ċertu spejjeż, u bdew jaraw jekk jistgħux jgħaddu mingħajrhom, jistgħux ibidlu xi ħaġa biex intejbu l-qagħda finanzjarja tal-Kunsill b'ċertu xogħlijiet li l-ħaddiema tal-Kunsill setgħu jagħmlu, bħaż-żbir ta' siġar mal-akwadott, li fejn is-soltu kien jingħata lill-terzi persuni seta' jsir minnhom. Is-Sur Cordina qal li ovvjament mhux kull tip ta' xogħol, fis-sens li jekk dak li jirrikjedi li jrid jintuża l-mutur imbagħad ħa jitqabbad il-

kuntrattur imma jekk ikun hemm żbir żgħir dan jista' jsir faċilment mill-ħaddiema tal-Kunsill. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li kapaċitajiet tal-ħaddiema tal-Kunsill qed juru li hemm ċertu xogħlijiet jistgħu jsiru faċilment minnhom. Dr. Caruana saqsiet jekk dan jinvolvix l-overtime? Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li le għax dan isir waqt il-ħin tax-xogħol. Hi qalet li ċertu bankini diġà bdew isiru minnhom.

Qalet ukoll li hi u s-Sur Cordina iddiskutew l-fatt li jnaqqsu it-trasport offrut bħalissa lill-entitajiet, għaliex hemm diversi entitajiet li qed jagħmlu użu mit-trasport tagħna, entitajiet bħal eżempju Girl Guides, Scouts, Ladies Cultural Club. Dr. Caruana esprimiet il-fatt li ma tantx taqbel peress li dawn imissu lir-residenti. Hi saqsiet lis-Segretarju Eżekuttiv jekk kinitx ħarġet xi tender fuq xogħolijiet biex jiffrankaw xi ħaġa. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li dak it-tender lest biex joħroġ għax kienu ħadu provedimenti biex joħroġ tender ġdid għal *culverts* u talba għall-kwotazzjonijiet biex jitnaddaf l-*embankment* regolari fix-xahar. Is-Sur Cordina qal li mhux fix-xahar imma fil-ġimgħa, għas-sempliċi raġuni li dak l-ħaxix jikber minn ġimgħa l-oħra u tiskanta kemm jikber malajr. Qal li wara l-Istazzjon ċemplulu xi nies li qed jaħbat mal-karrozzi.

Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li hemm fejn taqta' ċertu x-xogħlijiet biex jipprovaw jirrimedjaw u fil-fatt hi u s-Sinjorina Aquilina ppreparaw *spreadsheet* fejn ċertu servizzi jistgħu jitnaqqsu. Is-Sur Cordina qal li hu kontra imma li lest jiddiskuti sabiex kif qalet is-Segretarju Eżekuttiv jinstab bilanċ.

Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li il-vantaġġ li għandhom hu li l-allokazzjoni qisha baqgħet l-istess u mhux sa jibqa' jitħallas l-iskart u t-*tipping fees.* Dr. Cassar saqsa sal-aħħar tas-sena kemm qed tippjana li jkun id-deficit jew qliegħ? Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li jekk jimxu mal-baġit dan jinżel għal € 8,006. Dr. Cassar qal li minn €187,707 anke jekk tinżel €20,000 ikun ġa kambjament.

Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li se jippruvaw inaqqsu ftit mill-utilities, dawl, ilma, il-kirja tonqos b'€10,000, it-tiswijiet jiġu mrażżna, ittieħed in kunsiderazzjoni il-ġbir ta' skart li mar-Reġjun u hemm xi fondi li għad iridu jidħlu. Dr. Cassar saqsa jekk hemmx xi proġetti li għad hemm fondi li jridu jidħlu? Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li mill-uffiċini fadal madwar €72,000 xi jdaħħlu mid-Development Planning Fund imma jridu jitressqu l-proposti kollha wara li l-post jiġi ċertifikat lest mill-Perit. Hi qalet li hemm x'jiġi kkunsidrat mid-Development Planning Fund minħabba li l-kuntrattur waqaf ħesrem u kellhom jinġabu kwotazzjoijiet diretti. Qalet li ħafna mix-xogħolijiet għandhom tliet kwotazzjonijiet u li dawn resqithom kollha għall-approvazzjoni fl-aħħar laqgħa. Hi kompliet tgħid li kollha kienu fil-parametri tal-liġi. Dr. Cassar qal li jekk hemm dan id-*deficit* dan hu kollu konness ma' xogħolijiet li saru u jidhru.

Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li kienu qed jaħsbu wkoll biex inaqqsu mill-*parks and gardens*, l-ispejjeż li jkollhom off hand li jkunu barra mill-kuntratt, li jkunu żejda. Qalet li jistgħu inaqqsu wkoll mill-*consultations fees*. Is-Sur Cordina qal li ma tistax taqta' kif ġie ġie għax eżempju jekk ġej il-proġett tal-pjazza u ħa jagħmlu *update* fejn hemm is-siġar, ma tistax taffordja ma ddaħħlux fil-kuntratt regolari li għandu l-Kunsill. Dr. Cassar qal li però dak ġa hemm il-fondi għalih. Is-Sur Cordina qal li ġara hekk f'Tas-Sliema bi

Ġnien l-Indipendenza u l-Kunsill kellu jitlob iżjed flus għall-manutenzjoni sabiex inżommuħ up to date. Kompla jgħid li Ġnien Ħal Warda, sar 12-il sena ilu jekk mhux iżjed u jidher li hu miżmum tajjeb, imma jekk ħa jkollok ċertu ammont ta' siġar ma tistax taffordja ma tiżborx u ma ddurhomx. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li mhix xi ħaġa faċli għax għandek dan il-baġit u trid toqgħod miegħu, tara kull nefqa u tirrevedi l-ħlas, u ddur u tagħqad mal-figuri xejn mhi faċli. Kompliet tgħid li jekk joqogħdu passivi ma jsir xejn. Dr. Cassar qal li anke jekk id-deficit jonqos b' €20,000 jiġi muri biċ-ċar li hemm kontroll u li t-*trend* nieżla l-isfel.

Is-Segretarju Eżekuttiv qalet ukoll li s-sena l-oħra kien hemm ċertu spejjeż bħall-*publicity*, fuq il-ftuħ tal-Ġnien tal-istazzjon li ġarr miegħu spiża kbira. Is-Sur Cordina qal li hemm xi ħadd volontarju li forsi jista' jgħin fil-*manning* taċ-Ċentru għax meta kienet irriżenjat l-iskrivana l-oħra bdiet tinżel waħda mill-Uffiċċju u hu jinsab kontra li din l-iskrivana tinżel kuljum. Qal li aktarx irranġa li jġib lil xi ħadd jaħdem 30 siegħa u jiffrankaw din il-paga jew iġib tnejn u jolteraw. Qal li din hija kumpanija li ġġib nies minn barra li jagħmlu dawn il-dawn it-tip ta' *training* u li anke l-Gvern jissuplixxihom taħt l-Erasmus.

Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li xorta l-FSI mhux sa jimmiljora anżi se jitla' iktar. Is-Sur Cordina qal li huma qed jarawha kerha għaliex qatt ma kienu hekk, imma mill-banda l-oħra għandhom x'juru, hemm il-proġetti u li kieku qabdu u sparpaljaw dawn il-fondi fix-xejn jifhimha. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li hemm il-kapital u dik differenza kbira għax mitfugħin fuq l-assi. Hi qalet li diffiċli kemm hi diffiċli s-sitwazzjoni, u preokkupanti kemm hi preokkupanti, għax kultant moħħha jkun irid jinaqasam u jibda jewden minn fejn ħa tqaċċat l'hemm u l'hawn, din hija sitwazzjoni li hi qatt ma ffaċċjat qabel, issa qed jaffaċċjawha u ma tistax tibqa' passiva. Dr.Caruana qalet li jekk kif qal Dr. Cassar jinżel imqar bi ftit juru *trend* l-isfel.

Is-Segretarju Eżekuttiv fakkrithom kif tul l-aħħar snin ma ħadux ir-ruħ minn proġett għall-ieħor li kienu ilhom fuq l-agenda 10 snin, l-embankment, Ġnien il-Palma. Hi qalet li marret Bank of Valletta imma ma jikkwalifikawx għall-*overdraft* għax dan ma jingħatax fuq proġetti kapitali. Dr. Caruana qalet li l-interessi għall-*overdraft* huma vera għoljin u saqsiet jekk hi tafx li Kunsilli oħra għandhomx *overdraft*.

Dawn iż-żewġ rapport ġew approvati.

## 11.6 *Items* oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa

### 11.6.1 Nominazzjonijiet Ġieħ Ħ'Attard

Is-Sur Bartolo qal li nhar It-Tlieta, iltaqa' l-kumitat tal-għażla u li kellhom 6 nominazzjonijiet. Il-kumitat kien jikkonsisti minn Joe Sciberras, Pierre Cauchi, Norbert Gingel, Charles Camilleri, Victor Galea u Dr. Silvio Brincat. Qal li beda jiċċerja l-kumitat is-Sur Cordina imma mbagħad wara li fehmhom xi jrid isir u ma jsirx telaq għax kien hemm nomina li ffirma hu allura ħareġ minn hemm. Is-Sur Bartolo qal li bħalha nominazzjonijiet kien hemm Ray Abdilla, Matthew Luke Axiaq, Isabel Bianco, Marica

Cassar, Mary Grace Grech u Profs. Paul Pace. Qal li d-diskussjoni kienet naqra twila mhux ħażin imma waslu għal deċiżjoni unanima u li s-Sur Pierre Cauchi għandu jlesti r-rapport li se jippreżenta nhar is-sibt u sintendi jgħaddilhom l-isem tal-persuna li tkun ħadet il-ġieħ. Is-Sur John Bonnici saqsa jekk membru tal-Kunsill jistax jinnomina? Is-Sur Cordina u Bartolo qalulu li iva u li kienu biddluha s-sena l-oħra minħabba li kienu ftit xotti min-nominazzjonijiet.

Is-Sur Bartolo qal ukoll li jistgħu jerġgħu jinnominawhom huma darba oħra, dawk in-nies li kienu eliġibbli wara li ovvjament jkunu tkellmu magħhom. Kompla jitkellem fuq il-programm li baqa' kollox l-istess, kemm il-*pasta night*, l-għada l-Istazzjon u s-Sibt jibdew mal-wasla tal-President u quddiesa fil-11 ta' filgħodu l-Ħadd.

11.6.2 **Esebizzjoni tal-Gwerra**

Is-Sur Bartolo qal li grazzi għas-Sur Cassar l-Istazzjon hemm esebizzjoni tal-Gwerra fuq bords li nħaddmu mis-Sur Arthur Caruana u li fuq suġġeriment tas-Segretarju Eżekuttiv inksew bil-pannu. Is-Sur Cassar qal li din l-esebizzjoni kienet saret fil-festa ta' snin qabel. Is-Sur Bartolo issuġġerixxa li ssir esebizzjoni b'kollaborazzjoni mat-tfal tal-iskola.

Is-Sur Cassar qal li fit-12 t'April fl-10 ta' filgħodu se terġa' ssir sezzjoni ta' Doqqu Doqqu, Għid Hieni. Ġie deċiż li jiġi sussidjat nofs il-ktieb u jekk fadal xi kotba jinbidlu flok dawk tal-Milied. Qal ukoll li se jiltaqa' ma xi nies fuq fondi għal *ecological restoration* fuq areas bħal wara Monte Carmeli fejn jistgħu isiru *afforestations*. Qal li imbagħad jħejji rapport.

Is-Sur John Bonnici saqsa fuq iċ-ċekk tal-President bis-Segretarju Eżekuttiv tirrispondi li ngħataw €200 mill-flus li ġabru fil-Bazaar tas-sena l-oħra. Saqsa wkoll jekk il-Kunsill impjegax xi nies ġodda? Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li kienet fil-Minuti tax-xahar ta' qabel, li ġew approvati llum, li ġie mpjegat is-Sur Christopher Deguara u li hi għalhekk qalet li jekk ikun hemm xi biċċa bankina issa għallinqas hemm tnejn min jaħdimhom.

## 11.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti.

11.7.1 Is-Sindku saqsa min jipproponi u min se jissekonda.

Proponent: Sur Alex Mangion Sekondant: Sinjorina Nicole Portelli

L-iskedi ġew approvati.

## 11.8 Mozzjonijiet; u

11.8.1 Ma kienx hemm mozzjonijiet.

## 11.9 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

11.9.1 Il-laqgħa ntemmet fis-6.25pm u ġiet aġġornata għat-30 ta' April 2025 fis-5.30pm

Konfermati illum, 30 ta' April 2025.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Stefan Cordina | Marica Mifsud Mintoff |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |